

Il-Ġurnal Uffiċjali L 298

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

17 ta' Novembru 2022

Werrej

III Atti oħrajn

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 183/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2207]	1
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 184/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2208] ...	3
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 185/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2209] ...	5
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 186/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2210]	7
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 187/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2211]	8
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 189/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2212]	11
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 191/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2213]	13
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 192/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2214]	14
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 193/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2215]	15

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perijodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 194/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2216]	16
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 195/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2217]	17
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 196/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2218]	18
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 197/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2219]	19
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 198/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2220]	35
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 199/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2221]	36
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 200/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Anness XXII (Liġi dwar il-kumpaniji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2222]	37
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 201/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet [2022/2223]	39
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 202/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet [2022/2224]	40
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 203/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet [2022/2225]	41
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 204/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet [2022/2226]	42
★ Deċiżjoni tal-kumitat konġunt taż-ŻEE Nru 205/2019 tal-10 ta' Lulju 2019 li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet [2022/2227]	43

III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 183/2019

tal-10 ta' Lulju 2019

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2207]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 tal-21 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb, u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1152/2011 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 tat-18 ta' Ġunju 2018 li jadotta l-lista tal-Istati Membri, jew partijiet tat-territorju tal-Istati Membri, li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/772 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/772 jirrevoka r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 ⁽³⁾, li huwa inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandu jiġi revokat skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar annimali ħajjin li mhumix ħut u annimali tal-akkwakultura. Il-leġislazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma għandhiex tapplika għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttoria tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Iżlanda.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein,
- (6) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 10a (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013) fil-Parti 1.1:

⁽¹⁾ ĠUL 130, 28.5.2018, p. 1.⁽²⁾ ĠUL 155, 19.6.2018, p. 1.⁽³⁾ ĠUL 296, 15.11.2011, p. 6.

“10b. **32018 R 0772**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 tal-21 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1152/2011 (ĠU L 130, 28.5.2018, p. 1).

Dan l-att ma japplikax għall-Iżlanda.”

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 154 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/949) fil-Parti 1.2:

“155. **32018 R 0878**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 tat-18 ta' Ġunju 2018 li jadotta l-lista tal-Istati Membri, jew partijiet tat-territorju tal-Istati Membri, li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/772 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb (ĠU L 155, 19.6.2018, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Mal-lista fil-Parti 2 tal-Anness għandu jiżdied dan li ġej:

NO	IN-NORVEĠJA	It-territorju kollu
----	-------------	---------------------

Dan l-att ma japplikax għall-Iżlanda.”

3. It-test tal-punt 149 (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011) fil-Parti 1.2 jitħassar.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament Delegat (UE) 2018/772 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Gunnar PÁLSSON

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 184/2019

tal-10 ta' Lulju 2019

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2208]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/387 tal-11 ta' Marzu 2019 li jawtorizza estensjoni tal-użu taż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. (ATCC PTA-9695) bħala ikel ġdid u l-bidla tad-denominazzjoni u tar-rekwiżit tat-tikkettar speċifiku taż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. (ATCC PTA-9695) skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/388 tal-11 ta' Marzu 2019 li jawtorizza t-tibdil tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel il-ġdid 2'-fukosillattożju prodott bl-*Escherichia coli* K-12 skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/456 tal-20 ta' Marzu 2019 li jawtorizza t-tibdil tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid, iż-żejt taż-żerriegħa tal-kosbor mill-*Coriandrum sativum* skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/506 tas-26 ta' Marzu 2019 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tad-D-ribożju bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,
- (6) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu fil-punt 124b (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470):
 - **32019 R 0387:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/387 tal-11 ta' Marzu 2019 (ĠU L 70, 12.3.2019, p. 17),
 - **32019 R 0388:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/388 tal-11 ta' Marzu 2019 (ĠU L 70, 12.3.2019, p. 21),

⁽¹⁾ ĠU L 70, 12.3.2019, p. 17.⁽²⁾ ĠU L 70, 12.3.2019, p. 21.⁽³⁾ ĠU L 79, 21.3.2019, p. 13.⁽⁴⁾ ĠU L 85, 27.3.2019, p. 11.

- **32019 R 0456**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/456 tal-20 ta' Marzu 2019 (ĠU L 79, 21.3.2019, p. 13),
- **32019 R 0506**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/506 tas-26 ta' Marzu 2019 (ĠU L 85, 27.3.2019, p. 11)."

2. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 160 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/343):

- "161. **32019 R 0387**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/387 tal-11 ta' Marzu 2019 li jawtorizza estensjoni tal-użu taż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. (ATCC PTA-9695) bħala ikel ġdid u l-bidla tad-denominazzjoni u tar-rekwiżit tat-tikkettar speċifiku taż-żejt tas-*Schizochytrium* sp. (ATCC PTA-9695) skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 70, 12.3.2019, p. 17).
162. **32019 R 0506**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/506 tas-26 ta' Marzu 2019 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tad-D-ribożju bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 85, 27.3.2019, p. 11)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/387, (UE) 2019/388, (UE) 2019/456 u (UE) 2019/506 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar PÁLSSON

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 185/2019

tal-10 ta' Lulju 2019

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2209]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2158 tal-20 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni u livelli ta' parametri referenzjarji għat-tnaqqis tal-preżenza tal-akrilammid fl-ikel ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizżera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,
- (3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 162 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/506) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"163. **32017 R 2158:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2158 tal-20 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni u livelli ta' parametri referenzjarji għat-tnaqqis tal-preżenza tal-akrilammid fl-ikel (ĠU L 304, 21.11.2017, p. 24)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2017/2158 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

⁽¹⁾ ĠU L 304, 21.11.2017, p. 24.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Gunnar PÁLSSON

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 186/2019

tal-10 ta' Lulju 2019

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2210]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/699 tas-6 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi informazzjoni teknika għall-kalkolu tar-riżervi tekniċi u l-fondi proprji bażiċi għar-rapportar b'dati ta' referenza mill-31 ta' Marzu 2019 sad-29 ta' Ġunju 2019 f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assikurazzjoni u tar-Riassikurazzjoni ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 1zg (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/228) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"1zh. **32019 R 0699:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/699 tas-6 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi informazzjoni teknika għall-kalkolu tar-riżervi tekniċi u l-fondi proprji bażiċi għar-rapportar b'dati ta' referenza mill-31 ta' Marzu 2019 sad-29 ta' Ġunju 2019 f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assikurazzjoni u tar-Riassikurazzjoni (ĠU L 119, 7.5.2019, p. 70)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/699 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar PÁLSSON

⁽¹⁾ ĠU L 285, 7.5.2019, p. 70.

^(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 187/2019**tal-10 ta' Lulju 2019****li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2211]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/778 tat-2 ta' Frar 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward taċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet li taħthom il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex post* jista' jkun parzjalment jew kompletament differit, u l-kriterji għad-determinazzjoni tal-attivitajiet, is-servizzi u l-operazzjonijiet fir-rigward ta' funzjonijiet kritiċi, u għad-determinazzjoni tal-linji ta' negozju u servizzi assoċjati fir-rigward tal-linji tan-negozju ewlenin ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1401 tat-23 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal metodoloġiji u prinċipji dwar il-valwazzjoni tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn derivattivi ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/867 tas-7 ta' Frar 2017 dwar il-klassijiet ta' arranġamenti li għandhom jiġu protetti fi trasferiment parzjali ta' proprjetà skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/344 tal-14 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġiji għall-valwazzjoni tad-differenza fit-trattament fir-risoluzzjoni ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/345 tal-14 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġija għall-valutazzjoni tal-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet jew l-entitajiet ⁽⁵⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/308 tal-1 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' formati, mudelli u definizzjonijiet uniformi għall-identifikazzjoni u t-trasmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet ta' risoluzzjoni għall-fini li tiġi mgħarrfa l-Awtorità Bankarja Ewropea bir-ekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ⁽⁶⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (7) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

⁽¹⁾ ĠUL 131, 20.5.2016, p. 41.⁽²⁾ ĠUL 228, 23.8.2016, p. 7.⁽³⁾ ĠUL 131, 20.5.2017, p. 15.⁽⁴⁾ ĠUL 67, 9.3.2018, p. 3.⁽⁵⁾ ĠUL 67, 9.3.2018, p. 8.⁽⁶⁾ ĠUL 60, 2.3.2018, p. 7.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 19bh (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1712) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

- “19bi. **32016 R 0778:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni ((UE) 2016/778 tat-2 ta' Frar 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward taċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet li taħtom il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet straordinarij *ex post* jista' jkun parzjalment jew kompletament differit, u l-kriterji għad-determinazzjoni tal-attivitajiet, is-servizzi u l-operazzjonijiet fir-rigward ta' funzjonijiet kritiċi, u għad-determinazzjoni tal-linji ta' negozju u servizzi assoċjati fir-rigward tal-linji tan-negozju ewlenin (ĠU L 131, 20.5.2016, p. 41).
- 19bj. **32016 R 1401:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1401 tat-23 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal metodoloġiji u prinċipji dwar il-valwazzjoni tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn derivattivi (ĠU L 228, 23.8.2016, p. 7).
- 19bk. **32017 R 0867:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/867 tas-7 ta' Frar 2017 dwar il-klassijiet ta' arranġamenti li għandhom jiġu protetti fi trasferiment parzjali ta' proprjetà skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 20.5.2017, p. 15).
- 19bl. **32018 R 0308:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ((UE) 2018/308 tal-1 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' formati, mudelli u definizzjonijiet uniformi għall-identifikazzjoni u t-trasmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għall-fini li tiġi mgħarrfa l-Awtorità Bankarja Ewropea bir-reqwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (ĠU L 60, 2.3.2018, p. 7).
- 19bm. **32018 R 0344:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/344 tal-14 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġiji għall-valwazzjoni tad-differenza fit-trattament fir-riżoluzzjoni (ĠU L 67, 9.3.2018, p. 3).
- 19bn. **32018 R 0345:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/345 tal-14 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġija għall-valutazzjoni tal-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet jew l-entitajiet (ĠU L 67, 9.3.2018, p. 8).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2016/778, (UE) 2016/1401, (UE) 2017/867, (UE) 2018/344, (UE) 2018/345 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/308 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 21/2018 tad-9 ta' Frar 2018 (7), skont liema data tkun l-iżjed tard.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

(7) ĠU L 323, 12.12.2019, p. 41.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Gunnar PÁLSSON

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 189/2019

tal-10 ta' Lulju 2019

li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2212]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/1 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għar-rappurtar perijodiku dwar it-tariffi imposti mill-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għall-fini ta' superviżjoni kontinwa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli f'repożitorju ċentrali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/3 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti kapitali għall-kontropartijiet ċentrali ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 2015/2 jirrevoka r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2012 ⁽⁴⁾ u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2012 ⁽⁵⁾, li huma inkorporati fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsekwentement għandhom jiġu revokati skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (5) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 31ebo (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 946/2012):

"31ebp. **32015 R 0001:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/1 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għar-rappurtar perijodiku dwar it-tariffi imposti mill-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għall-fini ta' superviżjoni kontinwa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ĠU L 2, 6.1.2015, p. 1).

31ebq. **32015 R 0002:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli f'repożitorju ċentrali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ĠU L 2, 6.1.2015, p. 24).

⁽¹⁾ ĠU L 2, 6.1.2015, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 2, 6.1.2015, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 2, 6.1.2015, p. 57.

⁽⁴⁾ ĠU L 140, 30.5.2012, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU L 140, 30.5.2012, p. 17.

31ebr. **32015 R 0003**: Ir-Regolament Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/3 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' divulgazzjoni għal strumenti finanzjarji strutturati (ĠU L 2, 6.1.2015, p. 57)."

2. It-testi tal-punti 31ebk (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2012) u 31ebm (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2012) jitħassru.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2015/1, (UE) 2015/2 u (UE) 2015/3 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar PÁLSSON

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 191/2019**tal-10 ta' Lulju 2019****li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2213]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jizzied fil-punt 64a (ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“, kif emendat minn:

- **32019 R 0002:** Ir-Regolament (UE) 2019/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 (ĠU L 11, 14.1.2019, p. 1).”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2019/2 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar PÁLSSON

(¹) ĠU L 11, 14.1.2019, p. 1.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 192/2019**tal-10 ta' Lulju 2019****li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2214]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 132 tat-23 ta' Jannar 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 8005 fir-rigward tal-kjarifika u s-simplifikazzjoni ta' ċerti miżuri speċifiċi ta' sigurtà fl-avjazzjoni għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenhtiegħ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66hf (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“- **32019 D 0132**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 0132 tat-23.1.2019.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar PÁLSSON

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 193/2019**tal-10 ta' Lulju 2019****li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2215]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1142 tal-14 ta' Awwissu 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1321/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' ċerti kategoriji ta' liċenzji għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru, tal-modifika tal-proċedura ta' aċċettazzjoni ta' komponenti minn fornituri esterni u tal-modifika tal-privileġġi ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ fil-manutenzjoni ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenhtiegħ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66q (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“- **32018 R 1142:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1142 tal-14 ta' Awwissu 2018 (ĠU L 207, 16.8.2018, p. 2).”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2018/1142 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment ta', *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar PÁLSSON

⁽¹⁾ ĠU L 207, 16.8.2018, p. 2.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 194/2019

tal-10 ta' Lulju 2019

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2216]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/248 tat-13 ta' Novembru 2018 li jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 63/2011 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni għal deroga mill-miri speċifiċi tal-emissjonijiet tas-CO₂ skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiżdied fil-punt 21aea (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 63/2011) tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“, kif emendat minn:

- **32019 R 0248:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/248 tat-13 ta' Novembru 2018 (ĠU L 42, 13.2.2019, p. 5).”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2019/248 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar PÁLSSON

⁽¹⁾ ĠU L 42, 13.2.2019, p. 5.

^(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 195/2019

tal-10 ta' Lulju 2019

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2217]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1003 tas-16 ta' Lulju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1152 biex il-proċedura ta' korrelazzjoni tiġi ċċarata u ssimplifikata u li jadattah għat-tibdil fir-Regolament (UE) 2017/1151 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 21aey (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152) tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“- **32018 R 1003**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/1003 tas-16 ta' Lulju 2018 (ĠU L 180, 17.7.2018, p. 16).”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1003 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Lulju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Gunnar PÁLSSON

⁽¹⁾ ĠU L 180, 17.7.2018, p. 16.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 196/2019

tal-10 ta' Lulju 2019

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2218]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1002 tas-16 ta' Lulju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1153 biex il-proċedura ta' korrelazzjoni tiġi ċċarata u ssimplifikata u li jadattah għat-tibdil fir-Regolament (UE) 2017/1151 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
